

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/835**tat-12 ta' Mejju 2017**

li jikkorreġi l-verżjonijiet tal-lingwa Slovena u tal-lingwa Żvediża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(a) u (b) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni ⁽²⁾ (ir-Regolament Bażiku tal-EASA), u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 8b u l-Anness Vb tiegħu,

Billi:

- (1) Hemm l-iżbalji fil-verżjonijiet tal-lingwa Slovena u tal-lingwa Żvediża tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ⁽³⁾. Il-lingwi l-oħra m'humiex affettwati.
- (2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012 għandu għalhekk jiġi kkoreġut skont dan.
- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ajru Uniku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Slovena.

Artikolu 2

Jikkonċerna biss il-verżjoni tal-lingwa Żvediża.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 96, 31.3.2004, p. 20.⁽²⁾ ĠUL 79, 19.3.2008, p. 1.⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠUL 281, 13.10.2012, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Mejju 2017.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
